# Uffiċċju tar-Regolatur

Programm tal-Investitur Individwali (URpii)

## *Il-Ħatra mill-ġdid tar-Regolatur (PII)*

14 ta' Frar 2020

Is-Sur Carmel De Gabriele, li l-ħatra tiegħu bħala Regolatur tal-PII kellha tiskadi fl-1 ta' Frar 2020, reġa' nħatar għal darb'ohra f'din l-istess kariga.

Oriġinarjament, is-Sur De Gabriele kien inħatar bħala Regolatur għal perjodu ta' sentejn b'effett mit-2 ta' Frar 2016 permezz ta' Stqarrija għall-Istampa numru 160249 maħruġa fis-6 ta' Frar 2016. Dak iż-żmien il-ħatra tas-Sur De Gabriele kienet segwiet dik ta' Dr Godwin Grima li kien ħalla din il-kariga meta laħaq l-eta` tal-irtirar. Tali ħatra kienet ġiet ukoll imġedda, għal perjodu ta' sentejn, fl-2018. Il-ħatra mill-ġdid tas-Sur De Gabriele għal perjodu ieħor ta' sentejn ġiet konfermata mill-Prim Ministru permezz ta' ittra ta' ħatra li ġġib id-data tas-6 ta' Frar 2020. Dan il-perjodu ġdid għas-Sur de Gabriele f'din il-kariga għandu issa jiġi fi tmiemu fl-1 ta' Frar 2022.

It-Tieni Sular, Binja Evans, Valletta, Malta
T: 22004381 E: oriip.opm@gov.mt